**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru:98/97G

Frank Grima

vs

Kmandant Forzi Armati ta' Malta u ghal kwalunkwe interess li jista' jkollu l-Onorevoli Prim Ministru

Illum 1 ta' Dicembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod iktar preciz f'Lulju 1992, ir-rikorrenti Frank Grima sofra ngustizzja lampanti billi kien qieghed mat-Task Force bhala l-Bombardier jaghmel duties ta' radio operator fil-lokal ta' Chambrai u gie boarded out.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan ir-rikors huma s-segwenti:

Illi huwa kien ingagga fil-Pulizija fl-14 ta' Dicembru 1979 - Dok A.

Illi f'Marzu 1980 huwa gie ttrasferit ghal mat-Task Force u gie stazzjonat Luqa Barracks.

Illi f'April 1980 huwa sofra incident fuq ix-xoghol kif jidher mid-Dokument Dok B u C.

Illi bhalma jidher mid-Dokument 'C' ir-rikorrenti gie licenzjat mill-Isptar Craig u ccertifikat li ma kienx kapaci ghal "heavy duty".

Illi billi huwa kien qieghed jitghallem ghal radio Operator tefghuh jaghmel dan ix-xoghol l-ewwel ghal sentejn il-Qortin, Nadur Ghawdex u mbaghad baghtuh f'Chambray Ghawdex fejn dam ghal madwar sitt snin.

Illi f'Lulju 1980 ir-rikorrenti kellu ncident bil-motor cycle li pero' ma kienx ccertifikat bhala gravi.

Illi ghall-habta ta' Novembru 1988 ir-rikorrenti gie mghajjat quddiem il-Kmandant tat-Task Force il-Kurunell Maurice

Calleja u qallu li m'ghandu ebda certifikat li wegga fuq ix-xoghol u li meta kellu l-incident bil-motor cycle huwa kien wegga gravi.

Illi ghal dan id-diskors ir-rikorrenti pprezenta lill-Kmandant ic-certifikati medici B u C u wkoll ic-certifikat tat-tieni ncident (Dok "D") li kien jghid li ma kellux "complications".

Illi quddiem il-Kmandant kien xehed ukoll il-Maggur James Bull li kien meta sar l-incident f'Hal Luqa Barracks Staff Sergeant fuq ir-rikorrenti u li kien xehed li r-rikorrenti kien wegga fuq ix-xoghol f'Luqa Barracks waqt li kien niezel it-tarag.

Illi l-Kmandant x'hin gie pprezentat bic-certifikati mifxul mifxul baghtu 'l barra lir-rikorrenti;

Illi xi xahar wara hu gie discharged u mitlub jirritorna l-kit.

Illi meta mar bil-kit Luqa Barracks ltaqa mal-Kmandant li resaq fuqu u qallu li kieku kien jiddependi minnu ma kienx jigi discharged pero' kellu jobdi ordnijiet superjuri.

Illi per konsegwenza ta' dan huwa dam bla xoghol mis-sena 1988 sal-1992 u fl-10 ta' Mejju 1991 kien gie moghti l-permess li jirregistra bhala persuna nkapacitata Dok E.

Illi fl-1992 (Dok A) huwa gie moghti xoghol ta' Labourer mal-Water Services Corporazion u moghti xoghol ta' shift watchman.

Illi matul it-tlett snin li dam bla xoghol huwa sofra hardship finanzjarju kbir u ghex bil-flus li kellu mfaddla u kien ukoll ta' piz fuq il-familja tieghu. Huwa jattribwixxi din l-ingustizzja wkoll bil-fatt li l-familja tieghu kienet maghrufa bhala familja Laburista.

Illi jressaq wkoll ghall-konsiderazzjoni ta' dan it-Tribunal ittra li dehret fil-gazzetta The Times mill-Onorevoli Reno Calleja MP li l-membru tal-AFM msemmi fiha huwa ir-rikorrenti - Dok EI.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti filwaqt li irriserva li jgib il-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment tieghu skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi jilqa' t-talba tieghu u konsegwentament jinghata rimedju skond il-ligi kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun, xieraq u gust u ghal dan l-iskop ir-rikorrenti jitlob li jerga jigi moghti l-impjieg li kellu mal-AFM inkella mal-Pulizija kif kien originarjament u li ma jkollux interruzzjoni fis-servizz jew alternattivament jekk l-istess

rimedju mhuwiex possibbli u/jew li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal ghal dawk it-tlett snin jigifieri mill-1988 sal-1992 li dam bla xoghol u dana taht dawk il-provvedimenti u mizuri li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi.

Bl-ispejjes kontra l-intimati nomine.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi l-Onorevoli Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment imressaq mir-rikorrent.

Illi l-ilment qieghed jigi mwiegeb mill-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta billi huwa l-Kap tad-Dipartiment ikkoncernat.

Illi jirrizulta li fis-26 ta' April 1980 ir-rikorrent kien waqa' t-tarag u wegga rkobtu waqt il-hin tax-xoghol fil-Barracks gewwa Hal-Luqa.

Illi wara kura fl-isptar Craig t'Ghawdex, fejn irrizulta li kellu **Comminuted Fracture of his Right Patella** ir-rikorrent irkupra minghajr komplikazzjonijiet.

Illi r-rikorrent fl-20 ta' Lulju 1980 rega wegga f'incident stradali waqt il-hin liberu tieghu. Din id-darba garrab ksur f'dahru imma fieq bla ebda kumplikazzjoni.

Illi tul dan iz-zmien ir-rikorrent kien iccertifikat biex jahdem xoghol sedentarju biss.

Illi r-rikorrent kien issejjah biex jaghmel kors ta' tahrig militari baziku fit-23 ta' Novembru 1987 u li fl-istess jum huwa rrapporta marid b'ugiegh fi rkobtu u ntbaghat id-dar ghal aktar minn tlett gimghat.

Illi minhabba n-natura persistenti tal-ugiegh fi rkobtu u ntbaghat id-dar ghal aktar minn tlett gimghat.

Illi minhabba n-natura persistenti tal-ugiegh fi rkobtu r-rikorrent gie permanentement skuzat milli jaghmel xi forma ta' tahrig militari.

Illi r-rikorrent deher quddiem Bord Mediku fis-16 ta' Dicembru 1987 u dan l-istess Bord iccertifikah **Unfit for Further**

**Military Duties** minhabba li ma setghax jaghmel id-dmirijiet militari kollha mehtiega minnu.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra r-risporta ulterjuri tal-intimat tal-24 ta' Settembru, 1999, li eccepixxa:

Illi dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni jisma' dan il-kaz a tenur ta' l-Artikolu 5(3)(a) tal-Att Numru VIII ta' l-1997 u dan skond l-insenjament ta' dan l-istess Onorabbli Tribunal fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Chircop vs Kap Kmandant Forzi Armati deciza fl-24 ta' Gunju, 1999.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi din hija decizzjoni dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-24 ta' Settembru, 1999.

Fis-sentenza ta’ dan it-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet “Joseph Barbara vs Med Serv Limited et” deciza fl-10 ta’ Mejju, 1999 it-Tribunal qal:

“Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

“6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba’ rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatti l-istess artikolu 6 ta’ dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f’dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad “ u b’mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita’ ta’ dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista’ tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…” Fl-Att VIII tal-1997 pero’ kull ma jinghad hu “dwar kull wiehed min dawn li gejjin:..” u ghalhekk il-legislatur f’dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta’ portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta’ membri, ufficjali jew impjegati ta’ xi korp imwaqqaf b’ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu

applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

Bazikament l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq terminazzjoni ta' impieg. Issa terminazzjoni ta' impieg ma tissemma f'ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (d). "Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Ta' min izid li l-artikolu 28 tal-Kap 266 l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali jghid:
"Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva li jikkunsidra u jiddecidi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi , u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-drittijiet tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra:"
Il-lokuzzjoni wzata hija cara li t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta. Hemm kazijiet li jaqghu taht l-Qorti Civili [skond in-natura tal-kuntratt] u anke quddiem il-Kummissjoni ta' l-Impiegi taht il-Kostituzzjoni jekk ikun jahdem f'azienda Governattiva jew kwazi-governattiva.

Ghalhekk, salv kif ser jinghad aktar l-isfel f'dan il-paragrafu, terminazzjoni ta' impieg mhux ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999. L-uniku kaz fejn dan ma japplikax huwa fil-kaz tal-"constructive dismissal" dejjem bazat fuq ingustizzja kif imsemmi fl-artikolu 6 (1). Ara "Charles Azzopardi vs Selmun Company Limited et" deciz in parte fil-15 ta' Dicembru, 1997, u f' "Patrick Dato Mallia vs Malta Development Corporation" deciz ukoll in parte fil-11 ta' Marzu, 1998.

Dan l-ilment ghalhekk ma huwiex ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri

vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga.

Differenti hu l-kaz ta' "Downgrading" li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni.

Fis-sentenza ta' dan it-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet "Emanuel Chircop vs Kap Kmandant Forzi Armati" deciza fl-24 ta' Gunju, 1999 it-Tribunal qal:

"Issa fil-kaz in ezami in-nuqqas ta' kompetenza tohrog ukoll minn dak li jghid l-artikolu 5 (3) (a):
"Dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att." F'dan l-iskeda insibu imnizzel "Il-Forzi Armati ta' Malta hlief skond dak li hemm provdut fit-Taqsima B ta' din l-Iskeda". Fit-Taqsima B insibu elenkat: "Il-Forzi Armati ta' Malta ghar-rigward biss ta' hatriet, promozzjonijiet, trasferimenti, salarji u drittijiet ta' pensjoni ta' l-ufficjali u suldati f'dik il-Forza Armata".

Ghalhekk huwa ovvju li t-talba tar-rikorrent tesorbita mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal…"

Issa fil-kaz in ezami ma hemm xejn differenti mall-kaz imsemmi ta' Chircop. It-talba tar-rikorrent hi bazata fuq dak li tilef kawza tat-terminazzjoni tal-impieg tieghu – haga li mhux imsemmija fl-artikolu 6 (1). Ghal dawn il-motivi jilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.